Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 45/17/1

**Motor Tests Services Ltd (C25190) u**

**Anna Maria Grech (KI75458M) għal kull interess li jista' jkollha**

**(appellanti)**

**vs**

**Trasport Malta**

**(appellata)**

27 ta' Jannar, 2020.

1. **B'din il-kawża l-atturi ikkontestaw deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta li ikkundannat lill-attriċi (operatriċi ta' stazzjon tal-VRT) penali ta' 1000 punt u multa ta' €11,000.**

2. Permezz ta' ittra datata 21 ta' Awwissu 2017[1], Transport Malta infurmat lis-soċjeta` attriċi li kien irriżultalha li fit-23 ta' Jannar 2017 il-VRT *station* tagħha (permezz tat-*tester* Michael Cahill) iċċertifikat il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABU-815 bħala li kienet għaddiet mit-*test* tal-VRT, u li meta l-istess vettura ġiet "*re-tested*" fit-30 ta' Jannar 2017, fl-istess VRT *station* tagħha, (u mill-istess *tester* Michael Cahill) din id-darba fil-preżenza ta' Transport Malta u tal-pulizija, irriżulta li l-vettura kellha diversi irregolaritajiet, tant li kellu jiġi ċċertifikat li l-vettura ma għaddietx mit-*test* tal-VRT. Konsegwentement l-attriċi qua operatriċi instabet in vjolazzjoni tar-*Regolamenti Dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq* (L.S. 65.15) u ġiet ikkundannata penali ta' 1000 punt u multa ta' €11,000.

[1] Dok MG1, fol 64.

3. Fit-28 ta' Awwissu 2017 is-soċjeta` attriċi u direttriċi tagħha Anna Maria Grech (għal kull interess li jista' jkollha) appellaw quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva u talbu lit-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita', jew jimmitiga s-sanzjoni imposta.

4. Fil-15 ta' April 2019 it-Tribunal ċaħad t-talba tal-atturi bl-ispejjeż, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta.

5. Fit-2 ta' Mejju 2019 l-atturi appellaw quddiem din il-Qorti u talbuha tħassar is-sentenza tat-Tribunal. L-aggravji huma:

*"jikkonsisti prinċipalment fil-fatt illi t-Tribunal, dejjem bid-dovut rigward, ma afferrax kif jixraq il-provi prodotti u għamel valutazzjoni u apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha (sic) mressqa mill-appellanti."*

Jenfasizzaw illi mill-provi:

*"jirriżulta ampjament u bl-aktar mod ċar, li kif appena l-esponenti Anna Maria Grech kienet taf b'dak li qed jiġri, hija kienet* ***infurmat mhux biss lit-Trasport Malta,*** *iżda adirittura kienet marret għand il-Pulizija fejn hija stess* ***għamlet rapport formali sabiex il-Pulizija Eżekuttiva jieħdu passi kontra dana l-addett tagħha****."*

Isostnu li t-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet li huma sajma mil-loġika. Jilmentaw (enfażi ta' din il-qorti):

*"...t-Tribunal jgħid in suċċint, li* ***verament li l-esponenti marret tirraporta dak li kien seħħ lill-Awtoritajiet tal-Pulizija****, iżda li hija kien imissha kienet aktar żeluża għal dak li kien qed iseħħ sabiex jiġi evitat dana kollu, u għalhekk ir-responsabilita` kriminali tal-ħaddiem tagħha trasportat fuqha responsabilita` amministrattiva mingħajr ma rriżulta mill-provi li b'xi mod kien hemm ness bejn dak li kien qed jagħmel l-impjegat tal-esponenti u hi! Il-mod kif it-Tribunal bir-rispett għabba bir-responsabilita` lill-esponenti għal għemil kriminali ta' terzi, meta kienet hija stess li żvelat l-abbuż li kien qed isir huwa assolutament żbalordanti....*

*.....ir-raġunament tat-Tribunal huwa kważi skandaluż u għalhekk l-esponenti tħoss li għandha ssir ġustizzja magħha billi* ***hija bħala dik il-persuna li rrapurtat il-ħażin*** *ma tiġix ikkastigata indebitament għall-ħażin ta'*

*ħaddieħor."*

6. <u>Fl-24 ta' Mejju 2018</u>, l-Awtorita` wieġbet li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u li l-appell tal-atturi hu kompletament infondat u bla ebda bażi u għandu jkun miċħud bl-ispejjeż.

**<u>XHIEDA.</u>**

7. **<u>L-Ispettur Sergio Pisani</u>**, fix-xiehda tiegħu tat-30 ta' Ottubru 2017[2] fir-rigward tal-każ in eżami spjega li Jean-Claude Seisun (li skont id-dokument tal-*Jobs Plus*[3] kien impjegat *helper* mas-soċjeta` attriċi) kien ammetta li kien kompliċi ma' Michael Cahill fit-23 ta' Jannar 2017 rigwardanti l-ħruġ ta' ċertifikat falz[4]. Kompla li fir-rigward ta' Michael Cahill, il-każ għadu *sub judice*.

8. **<u>L-attriċi Anna Maria Grech</u>**, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2018[5] qalet li s-soċjeta` Motor Test Services Ltd hi tagħha. Spjegat li din is-soċjeta` tagħmel VRT *testing* fuq il-vetturi, u li Michael Cahill kien impjegat magħha bħala *tester*. Fir-rigward tal-każ in eżami qalet li is-sid tal-vettura kien reġa' ġab il-vettura għal *"re-test"* u li kienu ġew il-Pulizija. Mistoqsija mit-Tribunal kif kienu saru jafu l-Pulizija, u min kien għamel rapport, irrispondiet li l-Pulizija kienu qalulha li qabdu l-vettura, "*Eżatt kif ġiet f'idejhom ma nafx*."

9. Kompliet li m'hijiex persuna teknika u m'għandhiex warrant ta' VRT *tester*, iżda sempliċiment *"I just run the business. F'idejhom. Ir-responsabbilta` hija tagħhom"*.

10. Qalet li sussegwentement marret id-Depot u irrilaxxat stqarrija. Fil-fatt kopja tal-istqarrija li tat fit-<u>18 ta' Frar 2017</u> ġiet esebita bħala Dok SP5[6] mill-ispettur

[2] Xiehda tal-Ispettur Sergio Pisani, fol 23 *et seq*.
[3] Dok SP1, fol 29.
[4] Dok SP2, sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – Maġistrat Caroline Farrugia Frendo – fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sergio Pisani vs Jean Claude Seisun), mogħtija fit-2 ta' Marzu 2017, fol 30 et seq
[5] Xiehda ta' Anna Maria Grech, fol 46 *et seq*.
[6] Dok SP5, Stqarrija ta' Anna Maria Grech, fol 40 *et seq.*

Pisani. Fl-istqarrija qalet li fit-23 ta' Jannar 2017 ma kinitx il-garaxx u li ma taf xejn dwar Godfrey Farrugia u l-vettura tiegħu ABU-815. Qalet li ma tagħmilx testijiet, u m'għandha l-ebda ideja dwarhom. Mistoqsija jekk meta tingaġġa impjegat tagħmilx xi riċerka fuqu, irrispondiet fin-negattiv. Mistoqsija dwar il-vettura ABU-815 li fit-23 ta' Jannar 2017 ġiet ċertifikata bħala li "għaddiet" meta fil-fatt ma kien sar l-ebda *test* fuqha, irrispondiet "*Ma naf xejn fuqha, jiena ma jkunx hemm, mhux xogħli.*"

11. **Melvin Zammit** (impjegat bħala VRT *tester* mas-soċjeta` attriċi)[7] fix-xiehda tiegħu tal-5 ta' Marzu 2018[8] qal li lil Michael Cahill kien laħqu jaħdem hemm. Qal li jaf li kellu każ il-qorti u li hu kien tela' bħala xhud, iżda s' hemm jaf. Qal li ma kienx preżenti fir-rigward ta' dak li Cahill ġie akkużat bih.

12. **Joe Mifsud** (*Technical Manager* fil-Land Transport Directorate tal-Awtorita` konvenuta) fl-affidavit tiegħu[9] qal li fis-27 ta' Jannar 2017 kienu ġew infurmati mill-ispettur Sergio Pisani li fit-23 ta' Jannar 2017 il-vettura ABU-815 kienet ġiet iċċertifikata bħala VRT "*Passed test result*" mingħajr ma biss kienet ittestjata. Qal li huma għalhekk iċċekkjaw fis-sistema u sabu li dan iċ-ċertifikat kien inħareġ mill-VRT *station* tas-soċjeta` attriċi u li t-*tester* kien ċertu Michael Cahill. Qal li dakinhar stess hu u uffiċjali oħra mit-Techical Unit (Lino Abela u George Farrugia) marru flimkien mal-ispettur Sergio Pisani u spezzjonaw il-vettura li kienet tinsab Psaila Street, Birkirkara. Qal li kkonstataw minnufih li l-vettura ma kellux jinħarġilha l-"*Passed test result*" tal-VRT. Kompla jgħid li fit-30 ta' Jannar 2017 sar *re-test* (fejn hu ma kienx preżenti) fl-istess VRT *station* tas-soċjeta` attriċi u mill-istess *tester* Michael Cahill, u din id-darba inħareġ "*Failed test result*".

13. **George Farrugia** (Principal Techincal Officer fil-Land Transport Directorate tal-Awtorita` konvenuta) fl-affidavit tiegħu[10] qal li fis-27 ta' Jannar 2017 il-*manager*

[7] Kif anke jirriżulta mid-dokument tal-JobsPlus (Dok SP1).
[8] Xiehda ta' Melvin Zammit, fol 67 *et seq*.
[9] Affidavit ta' Joe Mifsud, fol 78 *et seq*.
[10] Affidavit ta' George Farrugia, fol 80.

tiegħu Lino Abela, illum irtirat, kien ġie infurmat mill-ispettur Sergio Pisani li kien hemm vettura bin-numru ABU-815 li kien inħarġilha *"Passed Test Result".* Qal li meta Lino Abela iċċekkja fis-sistema sab li ċ-ċertifikat kien inħareġ mill-VRT *station* tas-soċjeta` attriċi u li t-*tester* kien indikat bħala Michael Cahill. Kompla jgħid li dakinhar stess hu, flimkien ma' Lino Abela u Joe Mifsud (illum *Technical Manager)* iltaqgħu mal-ispettur Sergio Pisani biex jispezzjonaw il-vettura, u osservaw li kellha bosta nuqqasijiet u li qatt ma messha ġiet ċertifikata bħala li għaddiet mill-VRT. Qal li għalhekk fit-30 ta' Jannar 2017 sarilha *re-test* (fejn hu kien preżenti flimkien ma' EO220 Charles Valletta u EO217 Vince Micallef) fl-istess VRT *station* tas-soċjeta` attriċi u mill-istess *tester* Michael Cahill, u dik id-darba inħareġ *"Failed test result".*

14. **<u>Charles Valletta</u>** (Enforcement Officer mal-Awtorita` konvenuta) fl-affidavit tiegħu[11] ikkonferma li fit-30 ta' Jannar 2017 hu u l-EO217 Vince Micallef kienu akkumpanjaw lill-*Principal Technical Officer* George Farrugia fil-VRT *station* tas-soċjeta` attriċi biex isir *re-test* fuq vettura. Qal li kien ġie mgħarraf li kienet qed issir investigazzjoni mill-Pulizija għaliex il-vettura kienet ġiet ċertifikata bħala li għaddiet mill-VRT ma fil-fatt ma kellhiex tgħaddi. Fil-fatt qal li ma għaddietx mir-*re-test* li sar fil-preżenza tiegħu.

15. **<u>Vince Micallef</u>** (Enforcement Officer mal-Awtorita` konvenuta) fl-affidavit tiegħu[12] ikkonferma li fit-30 ta' Jannar 2017 hu u l-EO220 Charles Valletta kienu akkumpanjaw lil George Farrugia mit-Technical Unit tal-Awtorita` fil-VRT *station* tas-soċjeta` attriċi biex isir *re-test* fuq vettura. Qal li kien ġie infurmat li kienet qed issir investigazzjoni mill-Pulizija għaliex il-vettura kienet ġiet ċertifikata bħala li għaddiet mill-VRT ma fil-fatt ma kellhiex tgħaddi. Fil-fatt qal li ma għaddietx mir-*re-test* li sar fil-preżenza tiegħu.

[11] Affidavit ta' Charles Valletta, fol 83.
[12] Affidavit ta' Vince Micallef, fol 84.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

16. L-aggravju tal-atturi hu dwar il-fatt li l-konvenuta imponiet sanzjoni fuq l-atturi meta ma kienx hemm ness ma' dak li għamel l-impjegat għaliex l-attriċi ma kinitx involuta f'dak li għamel it-*tester*. L-attriċi ssostni li ma kellhiex tiġi kkastigata mill-Awtorita' għall-ħażin li għamel ħaddieħor.

17. Minn imkien ma jirriżulta mill-provi li l-attriċi kienet infurmat lill-<u>Awtorita`</u> konvenuta bl-aġir tat-*tester* Michael Cahill, u minn imkien ma jirriżulta mill-provi li l-attriċi għamlet rapport għand il-<u>Pulizija</u> fir-rigward ta' Michael Cahill. **Anzi, hi stess qalet li kienu l-Pulizija li infurmawha li kienu qabdu l-vettura, u ma tafx kif ġiet f'idejhom.**

18. Wisq inqas ma jirriżulta li t-Tribunal ikkunsidra li l-attriċi kienet għamlet xi rapport mal-Pulizija u <u>li minkejja tali fatt</u> irritjena li messha kienet aktar żeluża għal dak li kien qed iseħħ u li konsegwentement irritjena li r-responsabbilta` kriminali tal-ħaddiem tagħha (Michael Cahill) trasportat fuqha responsabbilta` amministrattiva. It-Tribunal ma qal assolutament xejn minn dan. It-Tribunal sempliċiment qies (*inter alia*) li f'każ meta jkun inħareġ ċertifikat ta' VRT *pass* mingħajr ma jkun sar it-*test* fuq il-vettura konċernata, dak in-nuqqas irid iwieġeb għalih l-operatur tal-VRT *station* irrispettivament kienx jaf bl-abbuż. F'dan ir-rigward it-Tribunal għamel riferenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, regolament 10 paragrafi (a), (j) u (r). It-Tribunal qal li r-regolamenti ma jagħmlux distinzjoni bejn *".... każijiet fejn l-operatur kien jaf li fil-fatt inħareġ pass mingħar ma sar it-test, u każijiet fejn l-istess operatur ma kienx jaf.* ***Dan għaliex l-operatur huwa kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon".*** It-Tribunal kompla jgħid li *"**<u>Jirriżulta illi s-sistema li r-rikorrenti Grech kienet tmexxi n-negozju tagħha biha kienet pjuttost waħda laxka u mingħajr superviżjoni tal-operat</u>**, u għalkemm m'hemm l-ebda prova illi hija kellha xi involviment dirett f'dak li wettaq it-tester Michael Cahill, dan ma jeżonarhiex mill-obbligi tagħha qua operatur. Stazzjon ta' VRT ma tistax tiġġestih bħal xi cafeteria u tmur biss*

*filgħaxija jew l-għada tiġbor l-introjtu"*. Konklużjoni bażata fuq l-apprezzament tal-provi. L-atturi ma taw l-ebda raġunijiet li b'xi mod jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li fl-apprezzament tal-provi t-Tribunal għamel żbalji manifesti li li wassluh għall-konklużjoni li ma kellu qatt jasal għaliha.

19. Pero' mill-provi rriżulta li b'ittra tal-21 ta' Awissu 2017, il-konvenuta infurmat lill-attriċi li l-vettura ABU-815 ingħatat VRT *pass test certificate* fit-23 ta' Jannar, 2017 *'without actually having the vehicle tested'*.

20. Mill-investigazzjoni li saret irriżulta li ċ-ċertifikat inħareġ mit-*tester* Michael Cahill u ttieħdu proċeduri kriminali kontrih. Fl-ittra issemma wkoll li:-

*"Furthermore, Tester Michael Cahill was requested to present a test report of the initial test conducted on the 23rd January, 2017 but said test report was not provided and it resulted that no records of the said specific test had been kept by the VRT Station"*.

21. L-attriċi kienet infurmata li kienu japplikaw s-sanzjonijiet li jissemmew f'regolament 21 tal-L.S. 65.15 u għaldaqstant 1,000 punt kienu qegħdin jiġu imposti *"for a violation Item 93 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as follows:-*

| *"Item* | *Offence* | *Points* |
|---|---|---|
| *93* | *Issued a pass result either without conducting a complete test Or where a fail result should have been issued* | *1,000* |

*In addition, you are liable to pay the Authority the sum of eleven thousand Euro (€11,000) by way of administrative fine in terms of Regulation 21(3) and (4) of S.L. 65.15"*.

22. Imbagħad b'applikazzjoni ta' regolament 21(4), l-Awtorita' imponiet fuq l-operatur multa amministrattiva ta' ħdax-il elf ewro.[13] Dak ir-regolament jikkontempla multa amministrattiva ta' €11 għal kull punt ta' penali.

23. Ġialadarba l-1000 punt kienu imposti fuq l-atturi talli ħarġu pass meta ma sarx *test*, fil-fehma tal-Qorti t-Tribunal kellu jillimita ruħu biex jiddeċiedi jekk l-atturi

[13] *"(4) The administrative fine shall be eleven euro (€11) for each penalty point endorsed on the operator's entry"*.

ħarġux ċertifikat ta' pass *'without conducting a complete test'*.

24. M'hemmx prova waħda li l-operatur ħareġ ċertifikat ta' pass fir-rigward tal-vettura bin-numru ABU-815. Mill-provi jidher li ċ-ċertifikat inħareġ mit-*tester*. Lanqas m'hemm prova li Anne Marie Grech kienet kompliċi jew seta' kellha ħjiel b'dak li kien ser jagħmel Cahill fir-rigward tal-vettura ABU 815. Fil-fatt il-pulizija bdiet proċeduri kriminali kontra Michael Cahill (*it-tester*) u m'hemmx prova li ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-attriċi.

25. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li mill-paragrafi tar-regolament 25 li ssemmew fl-ittra tal-konvenuta, wieħed jista' jikkonkludi li l-liġi qegħda tikkontempla għal sitwazzjoni ta' *strict liability* fuq l-operatur tal-VRT *station*. Anzi paragrafu (r) jagħti lill-qorti x'tifhem li jkun hemm ksur tal-kondizzjoni tal-liċenzja li tissemma f'dak il-paragrafu, meta jkun l-operatur li joħroġ ċertifikat ta' pass mingħajr ma jkun sar *test* fuq il-vettura. Fil-fatt l-Awtorita' imponiet il-multa u l-punti ta' penalita' minħabba dak il-fatt. Ovvjament fil-proċediment kellu jiġi determinat jekk effettivament iċ-ċertifikat ta' pass kienx inħareġ mill-operatur. Hu fatt li skont regolament 19 tal-istess leġislazzjoni sussidjarja suppost li ċ-ċertifikat ikun iffirmat mill-operatur. Madankollu l-Awtorita' ma ressqitx prova li ċ-ċertifikat in kwistjoni kien iffirmat mill-operatur. Prova li fil-fehma tal-qorti kienet kardinali sabiex l-Awtorita' tikkonvinċi lill-qorti li ħadet id-deċiżjoni korretta. Prova li kieku riedet l-Awtorita' altru milli kellha biżżejjed żmien sabiex tressaq f'dawn il-proċeduri. Il-prova li hemm hu li ċ-ċertifikat inħareġ mit-*tester* Cahill. Tant hu hekk li waħda mill-akkużi konta Cahill kienet proprju li ħareġ, *"... ċertifikat li jkun juri li l-vettura għaddiet mit-test meta ma tkunx ġiet ittestjata l-vettura, u dan bi ksur ta' Regolament 25(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta"*. Fil-fatt it-Tribunal stess osserva, *"L-Awtorita intimata rriżultalha wkoll illi ċertu Michael Cahill, li kien impjegat bħala tester mar-rikorrenti kien ħareġ l-istess ċertifikat"*. M'hemmx prova li l-operatur qal lit-*tester* sabiex ma jagħmilx *test* fuq il-vettura jew li kien b'xi mod kompliċi fl-aġir illegali tat-*tester*. Il-fatt li t-Tribunal esprima in-nuqqas ta' sodisfazzjon dwar il-mod kif kien qiegħed jitmexxa l-istazzjon, ma jfissirx b'daqshekk li l-operatur kien ħati tal-ksur li

dwaru ġiet imposta fuqu l-multa u l-punti ta' penalita'.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-atturi:-**

1. **Tħassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-15 ta' April, 2019; u**
2. **Tilqa' t-talba tal-atturi u tħassar id-deċiżjoni tal-konvenuta tal-21 ta' Awissu, 2017 li biha imponiet penali ta' elf (1,000) punt u multa amministrattiva ta' ħdax-il elf ewro (€11,000).**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta.**

Anthony Ellul.